**10 ta' Jannar 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Mħallef Alberto Magri B.A., LL.D.**

L-Onorevoli Viċi Prim Ministru
Dr. Guido DeMarco B.A., LL.D., M.P.

*versus*

Felix Agius et

## Malafama - "*Fair Comment*"

*Kif dejjem irritenew il-Qrati tagħna mhux meħtieġ, sabiex ikun hemm prova ta' malafama, li l-persuna nvoluta tissemma b'isimha. Huwa biżżejjed li l-fatti determinanti jindikaw bla ebda dubju l-persuna li tkun qed tipproċedi in forza tal-liġi ta' l-istampa.*

*Dwar l-eċċezzjoni tal-"fair comment" il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Strickland - Scorey deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 1951 (Vol. XXXV paġ. 463) il-Qorti esprimiet ruħha hekk: "Kumment ġust fuq materja ta' interess pubbliku ma jikkostitwix libell jew inġurja. Dan pero' ma jfissirx illi l-kliem mhuwiex inġurjuż jekk ikun asserzjoni ta' xi fatt allegat u mhux kumment. Għax l-asserzjoni ta' fatt mhux kumment.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fl-20 ta' April 1988 li biha l-attur wara li ppremetta li Felix Agius, bħala Editur u Carmelo Micallef, bħala Stampatur tal-gazetta l-Orizzont, permezz ta' l-artikoli "*Ingħatat proklama lil min sawwat l-aktar*" fl-ewwel u t-tielet paġna tal-ħarġa numru 7851 ta' l-14 ta' Marzu 1988, u "*Il-ħatra ta' ambaxxatur Lhudi hi ta' għajb għal pajjiżna*" fl-ewwel u t-tielet paġna tal-ħarġa numru 7854 tas-17 ta' Marzu 1988 taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur tiegħu u l-fama tiegħu u li jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku; illi l-attur bħala parti offiża għandha d-dritt għad-danni kkontemplati fil-liġi ta' l-istampa, Att XL ta' l-1974; talab li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampat fuq imsemmi, li għandu l-iskop illi jtellef jew inaqqas l-istima tiegħu; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeċċedix elfejn lira maltija, bħala danni u riparazzjoni ta' l-inġurija morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-imgħax legali u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokumenti esibiti mill-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-12 ta' Mejju 1988 li permezz tagħha eċċepew:-

1. In linea preliminari huma jagħtu avviż li ser jitolbu r-rikuża ta' l-Imħallef sedenti peress li dan hu prim kuġin ta' l-Onor. Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, Kap ta' l-Oppożizzjoni u waħda mill-kitbiet fl-Orizzont li għalihom oġġezzjona l-attur kienet tikkonsisti interament f'diskors ta' l-Onor. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici;

2. Illi Carmelo Micallef ma qarax il-kitba '*de quo*' qabel ġiet ippubblikata;

3. Illi Felix Agius irrapporta diskors pubbliku tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni li hu fl-interess pubbliku li l-pajjiż ikun jaf dan x'qed jgħid - f'liema rapport wiehed ma jirraviżax l-'*animus injurjandi*' da parti ta' l-eċċipjent li forsi anke għamel servizz lill-attur meta għarrfu b'dan id-diskors;

4. Illi, subordinatament għal dan kollu hemm l-eċċezzjoni tal-'*fair comment*' u fir-rigward l-eċċipjent Felix Agius jitlob l-allegazzjoni tal-proċess 'Il-Pulizija vs ex-Kummissarju tal-

Pulizija Dr. Lawrence Pullicino' u 'Ir-Repubblika vs Bartolo' (konkjuż reċentement).

5. Illi fil-kitba '*de quo*' m'hemmx per neċessita' ir-riferenza għall-attur;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet tad-9 ta' Ġunju 1988 li permezz tiegħu l-Imħallef sedenti laqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ħalla l-kawża *sine die* sabiex tiġi mismugħa minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Ġunju 1988 li permezz tiegħu inħatar bħala Assistent Ġudizzjarju Dottor Saviour Demicoli sabiex jieħu x-xiehda u jirċievi d-dokumenti prodotti mill-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Novembru 1991 meta l-inkarigu ta' l-Assistent Ġudizzjarju ġie sospiż u l-kawża tħalliet diversi drabi għall-provi tal-konvenuti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-10 ta' Diċembru 1993 meta l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għas-seduta tal-lum;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

L-attur qed jilmenta li hu ġie malfamat bl-artikoli li dehru fil-ħarġiet tal-gazzetta l-Orizzont ta' l-14 u tas-17 ta' Marzu 1988. Dawn l-artikoli huma intestati rispettivament 'Ingħatat proklama lil min sawwat l-aktar' u 'Il-ħatra ta' ambaxxatur Lhudi hi ta' għajb għal pajjiżna'. L-artikoli in kwistjoni jikkonsistu f'rapporti

ta' diskorsi li kien għamel il-Kap ta' l-Oppożizzjoni fil-Qrendi u fil-Belt, fejliet l-istess pubblikazzjonijiet. Fiż-żmien ta' l-artikoli in kwistjoni l-attur kien jokkupa l-kariga ta' Ministru responsabbli għall-Intern u għall-Ġustizzja;

Fix-xhieda tiegħu tat-23 ta' Frar 1989 l-attur beda biex sostna fir-rigward ta' l-artikolui ntestat 'Ingħatat proklama lil minn sawwat l-aktar' li dan huwa kollu libelluz fil-konfront tiegħu...

*Omissis;*

Dwar l-artikolu fil-ħarġa tas-17 ta' Marzu 1988 intestat " Il-ħatra ta' Ambaxxatur Lhudi hi ta' għajb għal pajjiżna 'l-attur għamel referenza għal dak li ntqal fil-paġna tlieta taħt l-intestatura "Indħil fix-xogħol tal-Qrati';

*Omissis;*

Ikkunsidrat li mill-assiem ta' l-allegazzjonijiet li hemm fl-artikoli inkwistjoni l-persuna li kienet qed tiġi indikata ma kinetx ħadd ieħor ħlief l-attur. Infatti l-attur, fid-data ta' l-artikoli, kien il-Ministru responsabbli għall-Intern u Ġustizzja. Kien għalhekk il-persuna responsabbli għall-Qrati, għall-pulizija, u għall-ħabs. Isegwi li kull min qara l-artikoli ċertament li ġieh f'moħħu l-attur bħala dak li allegatament kien responsabbli ta' diversi nuqqasijiet fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, fl-ingaġġ fil-korp tal-pulizija u l-użu ta' dawn l-istituzzjonijiet għal skopijiet ulterjuri;

Kif dejjem irritenew il-Qrati tagħna mhux meħtieġ, sabiex ikun hemm prova ta' malafama, li l-persuna involuta tissemma b'isimha. Huwa biżżejjed li l-fatti determinanti jindikaw bla ebda

dubbju l-persuna li tkun qed tipproċedi in forza tal-liġi ta' l-Istampa. Għalhekk il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti ma tistax tiġi akkolta' billi l-kitba '*de quo*' tirriferixxi neċessarjament għall-attur u ħadd iżjed;

Il-konvenuti taw l-eċċezzjoni tal-'*fair comment*'. Dwar din l-eċċezzjoni fil-kawża '*The Honorable Mabel Strickland O.B.E. et vs Joseph James Scorey et*' deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ( 3 ta' Ottubru 1951 - Vol. XXXV paġ 463) il-Qorti esprimiet ruħha hekk:- '*Kumment ġust fuq materja ta' interess pubbliku ma jikkostitwix libell jew inġurja. Dan, pero', ma jfissirx illi l-kliem mhuwiex inġurjuż jekk ikun asserzjoni ta' xi fatt allegat u mhux kumment. Għax l-asserzjoni ta' fatt mhux kumment u jekk il-fatt allegat huwa miċħud mill-kwerelant, u l-kwerelant ma jistax jipprova li l-fatti minnu allegati huma veri, il-kwerelant għandu jirbaħ*';

Fl-artikoli msemmija wieħed isib diversi fatti attribwiti lill-attur u li fihom infushom joffendu l-unur tiegħu u jesponuh għad-disprezz tal-pubbliku. Mhux biss iżda dak li ġie allegat jimmina serjament il-fiduċja li l-pubbliku għandu jkollu fil-Qrati kif ukoll fil-korp tal-Pulizija billi intqal li dawn qegħdin jiġu manipulati mill-attur fil-kapaċità tiegħu ta' Ministru responsabbli għall-istess istituzzjonijiet;

Il-konvenuti mogħtija l-possibilita' li jressqu l-provi tagħhom sabiex jippruvaw dak li hemm allegat fl-artikoli naqsu ripetutament li jagħmlu dan...

. . .

*Omissis*;

Kwindi d-difiża ta' '*fair comment*' ma tistax triegi. Il-

konvenuti ma jistgħux jippretendu li jikkummentaw fuq affarijiet ta' interess pubbliku u ġenerali jekk *'il-fatti attribwiti lill-kwerelanti ma kinux veri';*

Illi għalkemm huwa minnu li hu ta' interess pubbliku illi l-elettorat jiġi infurmat u mdawwal fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku, huwa daqstant minnu u indiskutibili li l-unur u r-reputazzjoni tan-nies m'għandhomx jkunu mkasbra u meqruda b'akkużi li ma jikkonformawx mal-verita'. Huwa allegat li dak stampat fil-ħarġiet tal-gazzetti fuq imsemmija jammonta għal rapport ta' diskors pubbliku tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Tali diskors huwa *'per necessità '* ta' interess pubbliku, iżda l-konvenuti assumew ir-responsabbilita' dwar il-verita' ta' dak li allegatament intqal meta għażlu li jippublikaw id-diskors mingħajr ma tkixxfu jekk dak li ntqal kienx minnu;

Illi r-responsabbilità ta' l-istampatur toħroġ espressament mil-Liġi ta' l-Istampa. Il-Qorti għalhekk ma tistax toqgħod fuq sempliċi dikjarazzjoni tiegħu li hu *'ma qarax l-artikoli qabel ġew ippublikati u b'hekk teżonerah minn kull responsabilita'*. Jiġi rrilevat li l-istess konvenut Micallef ma offriex li jagħti x-xiehda tiegħu la quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u lanqas quddiem din il-Qorti u għalhekk l-attur ġie miċħud il-possibiltà li jindaga ulterjorment dwar l-allegazzjoni ta' l-istess konvenut. Il-Qorti għalhekk ma tħossx li għandha teżonerah mir-responsabilita' li timponi fuqu l-istess liġi.

Dwar id-danni jiġi rrilevat li l-akkużi kontra l-attur huma ta' natura serja ħafna. Huma mhux biss indirizzati lejh iżda anke indirettament kontra l-istituzzjonijiet li hu, bħala Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, huwa inkarigat li jissalvagwarda. Tali akkużi huma intiżi biex inaqqsu l-fiduċja tal-pubbliku sew fl-attur kif

ukoll fl-istess istituzzjonijiet u konsegwentement għandhom jiġu kkunsidrati bħala gravi. Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti li d-danni li għandhom jiġu llikwidati jridu jirriflettu l-gravita' tal-każ. Il-Qorti għalhekk tillikwida favur l-attur is-somma ta' LM1000 (elf lira maltija) li għandha tiġi apporzjonata bejn il-konvenuti kwantu għall-sitt mija u ħamsin lira (LM650) fuq il-konvenut Felix Agius bħala editur u kwantu għall-bilanċ ta' tliet mija u ħamsin (LM350) fuq il-konvenut Carmelo Micallef bħala stampatur tal-gazzetta l-Orizzont.

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampat fuq imsemmi; tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elf lira maltija (LM1000) u tikkundanna, lill konvenut Agius iħallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u ħamsin lira u lill-konvenut Micallef is-somma ta' tliet mija u ħamsin lira bl-imgħax legali mil-lum.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti.